MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### CAROL PERALTA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Numru. 1235/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**SHAUN DEBONO**
**(ID Nru. 21574M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 1235/2013

Illum, 25 ta` Gunju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shaun Debono, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 21574M.

**Akkuzat talli:**

Fil-perjodu ta` bejn it-tlieta neqsin kwart ta` wara nofs inhar (14:45hrs) tal-erbgha (4) ta` Settembru, 2010, u t-tmienja u nofs ta` filghodu (08:30hrs) tas-sitta (6) ta` Settembru, 2010, fi Triq San Gwann Bosko, Tas-Sliema, ikkommetta serq ta` diversi accessorji minn vettura tal-ghamla u marka Toyota Carina bin-numru tar-registrazzjoni BAR029, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi s-somma ta` mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta` Alphonese Sant u/jew persuni ohra.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fuq il-vettura tal-ghamla u marka Toyota Carina bin-numru tar-registrazzjoni BAR029, liema hsara tiskorri s-somma ta` mija u sitta ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro (€116.47) izda inqas minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u li saret ghad-dannu tal-istess Alphonese Sant u/jew persuni ohra.

U finalment qieghed jigi akkuzat ukoll talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta` Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma` jistghux jigu mibdula jew imhassra.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c), 263, 267, 279 (b), 325 (b), 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta .

**Ikkunsidrat:**

Illi in-sostenn ta` dawn l-akkuzi, l-Prosekuzzjoni tellghet is-sussegwenti xhieda:

1. PS404 Paul Camilleri;
2. PS1394 Glbert Bajada;
3. PS90 Jeffrey Gerada;
4. Spettur Michael Mallia;
5. Spettur Carlos Cordina bhala prova ta` recediva;
6. PS 894 Alfred Cassar;
7. Id-derubat Alphonese Sant;
8. Raprezentant tat-Transport Malta - Karen Cremona;
9. Is-*surveyor* Jonathan Pace.

Illi l-Qorti nominat lil Joseph Mallia sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-imprinti digitali tal-imputat mehuda in-awla u sett imprinti digitali elevata minn fuq il-karozza, li minnha sar is-serq u twettqet il-hsara, minn PS404 Paul Camilleri fis-sitta (6) ta` Settembru, 2010. Joseph Mallia gie nominat minn dina l-Qorti fl-erbgha (4) ta` Gunju, 2014 u prezenta r-relazzjoni tieghu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Lulju tal-istess sena.

Illi dana l-ezami komparattiv ikkonkluda li fil-maggoranza tal-kawzi, l-imprint digitali u dawk tal-palma tal-idejn tal-imputat Shaun Debono u dawk elevate minn PS404 Paul Camilleri huma identici. Joseph Mallia jeskludi kull dubju dwar dan.

Illi, fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta` Lulju, 2014, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi hija ma fadalliex iktar provi. Illi minn dina s-seduta lil hemm u sal-llum, l-imputat kellu u inghata kull opportunita` li jtella` l-provi tieghu, izda nonostante dan, l-imputat falla milli jiehu din l-opportunita`.

Illi l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni huma iktar minn sufficjenti sabiex dina l-Qorti ssib htija tal-imputat fiz-zewg akkuzi principali li lilu addebitati. Issib htija wkoll wara li rat ir-relazzjoni eccellenti ta` Joseph Mallia li tnehhi kull dubju ragonevoli minn mohh dina l-Qorti dwar il-kolpevolezza tal-imputat.

Illi wkoll, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tapprova l-akkuza ta` recediva li hija gabet kontra l-imputat u dan wara li esebit is-sentenzi kollattivi kif ukoll tellghet bhala xhieda l-Ufficjali Prosekuturi rispettivi.

Fir-rigward tal-piena dina l-Qorti tikkundanna lill-imputat Shaun Debono, perjodu ta` tnax (12) il-xahar prigunerija effettiva.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------